TAL-PIETA`

MINUTI

Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 27

L-Erbgha, 2 ta' Settembru, 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

PREZENTI

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo u l-Kunsillieri, Josef Fitzpatrick, Charles Grech u Mark Pisani.

Il-Vici Sindku Saviour Azzopardi informa li kien ma jiflahx, filwaqt li l-Kunsillieri Colin Bowman u Ryan Douglas Tanti infurmaw li kienu xoghol.

TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

1. MINUTI

1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru. 26 li saret nhar l-Erbgha, 5 ta' Awwissu, 2026, kienu approvati.

2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

2.1 Il-Vici Sindku Saviour Azzopardi informa li kien ma jiflahx, filwaqt li l-Kunsillieri Colin Bowman u Ryan Douglas Tanti infurmaw li kienu xoghol u ghalhekk gew skużati.

3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

3.1 ***Jum il-Lokalita`:*** Is-Sindku informa li l-attivita` ta' Jum il-Lokalita` ghad ma ġietx konfermata d-data minhabba numru ta' attivitajiet li ser isiru fil-lokalita` fl-istess żmien. Il-probabilta` hija li din tiġi celebrata is-Sibt, 19 ta' Settembru, filghaxija u kulhadd jiġi nfurmat malli tiġi kkonfermata l-gurnata.

4 KORRISPONDENZA

4.1 ***PA/05473/26 Proposta ta' Hotel f'65/66, Triq ix-Xatt u Triq Zammit Clapp***: Tressqet quddiem il-Kunsill, proposta mressqa lill-PA ghal Hotel fi Triq ix-Xatt u Triq Zammit Clapp. Il-Kunsill unanimament qabel li ghandu joġġezzjona kemm minhabba li ser ikun qed jghatti l-bini tal-isptar San Luqa li huwa skedat fi Grad 1, kif ukoll minhabba t-traffiku b'coaches u taxis li ser jinholoq fi Triq Zammit Clapp

4.2 ***Applikazzjoni ghal bini ta' blokka fi Triq ix-Xatt:*** Il-Kunsill unanimament qabel ukoll li joġġezzjona ghal binja ohra li hija proposta fi Triq ix-Xatt minhabba li l-gholi propost ser ikun qed jidfen postijiet bhal Villa Frere, l-Iskola u l-Isptar San Luqa, binjiet li huma diġà skedati.

4.3 ***Kontravenzjonijiet mil-LESA:*** Tressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill, tabella bil-multi dwar l-iskart, mahruga mil-LESA bejn Jannar u Gunju 2026.

5 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

5.1 **Attivitajiet tal-Clean up Campaign**: Is-Sindku informa li l-attivita` tal-clean up fuq l-art ser issir fis-17 ta' Settembru filwaqt li dik ta' taht il-bahar se issir fit-18 ta' Settembru.

5.2 **Tnedija tal-Community Van**: Is-Sindku qal li l-van kien wasal u t-tracker u l-camera kienu nstallati wkoll. It-tnedija tieghu kienet ser issir mar-Regjun, l-ghada fi Pjazza San Luqa fil-5.30pm .

5.3 **Xoghol fil-playingfield**: Is-Sindku informa li x-xoghol kien waqa` ftit lura minhabba li kien instab hafna terrapien fis-sit meta kien qed jinstab il-blat. Fl-istess żmien, il-barrieri

ma kenux qed jaċċettaw rimi. Ghalhekk Project Green taw estensjoni lill-kuntrattur, sa mhux aktar mill-ahhar ta' Dicembru 26.

5.4 **Dawl tal-Milied**: Is-Sindku informa li dwar id-dawl tal-Milied, il-Kunsill ser ikun qed jimxi bhal dak li sar is-sena l-ohra. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

6 MISTOQSIJIET

6.1 Il-Kunsillier Grech qal li hemm l-*enclosures* li jitpoggew l-iskips fihom fi Triq ix-Xatt in-naha tal-bahar, imkissrin. Dawn jiehdu hsibhom l-Ghaqda Sajjieda u Bahhara Tal-Pieta` u ghalhekk ghandhom jiġu infurmati sabiex jirrangawhom..

6.2 Il-Kunsillier Grech qal li hemm il-bankina ta' Triq ix-Xatt kollha hmieg u ghalhekk ghandha tinġibed l-attenzjoni tal-Cleansing Department dwar dan.

7 APPROVAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI/SERVIZZI

7.1 Ma kienx hemm il-htiega ghal approvazzjoni ghax-xiri ta' oġġetti/servizzi.

8 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

8.1 Is-Sindku ssekondat mill-Kunsillier Pisani, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 26. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

9. TMIEM

9.1 Fis-6.15pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 14 ta' Ottubru, 2026, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

Konfermati:

Stefano Savo
Sindku